MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Numru. 1229/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**BRADLEY BORG**
**MAX MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Bradley Borg, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 313389 (M) u l-imsemmi Max Micallef, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 37091 (M).

**Akkuzati talli:**

A. Nhar l-14 ta` Dicembru, 2008, ghal habta tas-sitta nieqes kwart ta` filghaxija (17:45hrs), filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi tal-istess Ghassa tal-Pulizija, bi vjolenza u b'theddid gieghelu lis-Surgent tal-Pulizija 856 Conrad Falzon, lill-kuntistabbli tal-Pulizija 529 Saviour Zerafa, lill-kuntistabbli tal-Pulizija 215 Clint Zahra u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala Ufficcjali Pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mall-kariga taghhom;

B. Akkuzati ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuni tas-Surgent tal-Pulizija 856 Conrad Falzon, il-kuntistabbli tal-Pulizija 529 Saviour Zerafa, il-kuntistabbli tal-Pulizija 215 Clint Zahra u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` Ordni mghoti skont il-Ligi mill-Awtorita` kompetenti;

C. Akkuzati ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, u iktar tard Mater Dei Hospital, ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta` l-istess Surgent tal-Pulizija 856 Conrad Falzon, il-kuntistabbli tal-Pulizija 529 Saviour Zerafa, il-kuntistabbli tal-Pulizija 215 Clint Zahra u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta` wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

D. Akkuzati ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, volontarjament, ikkawzaw griehi ta` natura hafifa fuq il-persuni tas-Surgent tal-Pulizija 856 Conrad Falzon u l-kuntistabbli tal-Pulizija 529 Saviour Zerafa, bhala persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-

esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni mghoti skont il-Ligi minn awtorita` kompetenti, skont kif iccertifikat minn Dr. Tufigno, M.D., mic-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid;

E. Akkuzati ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, ma obdewx l-ordnijiet Legittimi ta` l-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn Servizz Pubbliku, jew ma hallewx jew fixklu waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

F. Akkuzati wkoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, ikkawzaw hsara volontarja, cioe` billi qattaw parti mill-uniformi tas-Surgent tal-Pulizija 856 Conrad Falzon, liema hsara teccedi it-tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda mhux izjed minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta;

G. Akkuzati ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, stiednu ghall-glied lis-Surgent tal-Pulizija 856 Conrad Falzon, il-kuntistabbli tal-Pulizija 215 Clint Zahra u ufficjali ohra tal-Pulizija;

H. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu fl-inhawi ta` L-Isla u Bormla u aktar qabel fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, saqu vettura tal-ghamla Peugeot, mudell 206, bin-numru tar-registrazzjoni HBF026, fit-triq jew post pubbliku, meta ma kienux f’kundizzjoni li jsuqu minhabba xorb jew drogi;

I. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li lienu fl-inhawi ta` l-Isla u Bormla u aktar qabel fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, saqu vettura tal-ghamla Peugeot, mudell 206, bin-numru tar-registrazzjoni HBF026, fit-triq jew post pubbliku iehor wara li kkonsumaw tant *alcohol* li l-proporzjon taghhom fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt mill-Ligi;

J. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu fl-inhawi tal-Isla u Bormla u aktar qabel fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, saqu vettura ta` l-ghamla Peugeot, mudell 206, bin-numru tar-registrazzjoni HBF 026, b'giri iktar milli jmiss u b'manjiera perikoluza;

K. Akkuzati wkoll talli, nhar l-14 ta` Dicembru, 2008, saqu vettura ta` l-ghamla Peugeot, mudell 206, bin-numru tar-registrazzjoni HBF026, minghajr Licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b'hekk ma kienux assigurati kontra terzi persuni ma` kumpanija ta' l-assigurazzjoni;

L. Akkuzati wkoll talli, nhar l-14 ta` Dicembru, 2008, saqu vettura ta` l-ghamla Peugeot, mudell 206, bin-numru tar-registrazzjoni HBF 026, minghajr ma kellhom licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita` dwar it-trasport ta` Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura;

M. U aktar akkuzati talli, fl-istess cirkostanzi, fl-inhawi ta` l-Isla u Bormla u aktar qabel fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu jinstabu fis-sakra, b'mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom, meta fil-hsieb taghhom kellhom vettura;

N. Barra minn dan akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkosatanzi, filwaqt li kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, volontarjament kisru l-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied;

O. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu l-Ghassa ta` Bormla u fl-inhawi ta` l-istess Ghassa tal-Pulizija, qalu kliem oxxen, indicenti u dagha;

P. Barra minn dan, akkuzati ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gabu ruhhom b'tali mod li kkagunaw lil haddiehor biza` li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta huma kienu jafu jew imisshom kienu jafu li, b'tali mgieba taghhom, ser jikkagunaw lil haddiehor biza`.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika ukoll l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta` l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti hija mitluba ukoll li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija ma` kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex tiskwalifika lil Bradley Borg u Max Micallef milli jiksbu l-licenzja tas-sewqan u dan skont kif inhu mitlub fl-Artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

<u>Lil Max Micallef wahdu:</u>

Akkuzat talli, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-22 ta` Frar, 2007.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 91, 96, 95, 221, 338 (ee), 325 (c), 339 (1) (a), 338 (ff), 338 (dd), 338 (bb), 251 (B) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 15A, 15B (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-imputati, l-eta` tenera taghhom u l-istat ta` inebriezza li fih kienu jinstabu fil-mument attwali;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuzi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra dawn iz-zewg imputati jistghu jitqassmu f'zewg kategorji principali u cioe`

1. Dawk illi graw fil-ghassa ta` Bormla u fid-diritorni taghha fejn iz-zewg imputati volontarjament marru sabiex jirrappurtaw attakk fuq il-persuna taghhom minn terzi u fejn marru, skont huma, wara nofs in-nhar, nhar ta` Hadd fi stat ta` sokor, u;

2. Dawk illi graw u gew ikkunsinnati bhala konsegwenza diretta tal-istat ta` sokor li marru bih l-Ghassa tal-Pulizija sabiex jaghmlu r-rapport taghhom u cioe` dawk ir-reati li ghandhom x'jaqsmu mas-sewqan li biha saqu lejn l-Ghassa huma sejrin jaghmlu r-rapport taghha.

I. Illi, ghal finijiet ta` karezza, il-Qorti qiedgha telenka dawk il-kapijiet ta` akkuza li jaqghu taht l-ewwel kategorija ta` reati diga individwali u cioe`:
A, B. C, D, E, F, G, M, N, O u P.

Illi kollox gara fil-jum ta` wara nofs in-nhar tal-Hadd, 14 ta` Dicembru 2008, precizament fis-sitta nieqes kwart ta` filghaxija, 05:45pm, meta, wara gurnata xorb fl-inhawi, iz-zewg imputati, Bradley Borg u Max Micallef, marru l-Ghassa, it-tnejn, fi stat evidenti ta` sokor, *del testo*, kif jammettu huma fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom tat-18 ta` Settembru, 2013, sabiex jaghmlu rapport illi huma kienu ghadhom kemm jaqalghu xeba` minn terzi persuni.

Illi, fil-konfront ta` dawn l-ewwel *batch* ta` akkuzi xehedu xejn inqas minn 15 il-membru tal-Korp tal-Pulizija u cioe`: Superintendent Raymond D'Anastasi, Spetturi Jesmond Borg u Daniel Zammit, PS 1577, PS 746, ex Surgent Maggur u PC 529, PC 215, PC 856, PC 568, PC 857, PC 766, PC 1556, PC 95 u WPC 210.

Illi dina x-xhieda tiddiskrivi, bl-iktar mod car u lampanti l-agir ahrax, vjolenti u abbusiv ta` dawn iz-zewg zaghzagh illi, taht l-influwenza tax-xorb li tahtu kienu, heddew, attakkaw jew ghamlu resistenza jew ghamlu offizi fuq numru ta` membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu, dak il-hin, prezenti gewwa l-Ghassa ta` Bormla bil-konsegwenza li kkanzaw xi uhud minnhom griehi ta` natura hafifa kif certifikat mit-tobba li ezaminawhom, kif ukoll, ikkawzaw hsarat fl-uniformi ta` wiehed minnhom. Dan kollu huma ghamluh wara li naqsu milli jobdu ordni legittima tal-Pulizija, fost kliem oxxen, indicenti u dagha b'mod illi kkagunaw biza` fl-istess membri tal-Korp tal-Pulizija u l-familjari taghhom prezenti, kollox meta huma kienu taht l-influwenza tax-xorb alkoholiku tant, illi f'hin minnhom, il-Pulizija uzat *laser gun* sabiex tissottometti lill-wiehed mill-imputat Max Micallef li, fil-hin u barra mill-Ghassa ta` Bormla, kien qieghed jirrezisti li jerga` jiddahhal gewwa l-Ghassa tal-Pulizija.

Illi l-Qorti qiedgha taghmel riferenza ghan-nota ta` osservazzjonijiet intravolata mid-difiza u, minnufih, tikkummenta li hija, certament, mhix tal-opinjoni li dan l-episodju ma kellux effetti verament serji, stante li s-socjeta` in protezzjoni tas-serenita` u trankwilita` taghha, qatt m'hi hi sejra taccetta agir simili ta` vjolenza, theddid, tajjir, biza` u, generalment, awra ta` disprezz illi dawn iz-zaghzagh urew matul dan l-incident lejn l-awtoritajiet tal-Ordni taghna.

Illi dina l-Qorti hija sodisfatta bil-provi mressqa l-quddiem mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta` dawn l-akkuzi in-ezami u tiddikjara li dawn l-akkuzi, effittivament, jirrizultaw.

Terga ttenni dak illi gie stabilit mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali fis-sentenza:

Pulizija vs Mario Camilleri

deciza fil-11 ta` Frar, 2013, fejn gew stabiliti l-elementi essenzjali sabiex isehh ir-reat ta` oltragg ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 u terga ttenni dawn gew fermament stabiliti f'dana l-kaz odjern bil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Illi, inoltre, jirrizulta li kienet uzata xi forma illegittima diretta lejn il-persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, liema forza illegittima kellha bizzejjed potenzjalita` sabiex tikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dina l-hsara, vide xhieda:

1. PC856 Conrad Falzon, PC529 Saviour Zerafa, PC215 Clint Zahra fuq dak li ghamlu l-imputati. L-incident tan-*number plate*;

2. L-istess xhieda Pulizija fuq il-vjolenza wzata miz-zewg imputati gewwa u barra l-Ghassa ta` Bormla;

3. PS856 u PC529 fuq il-griehi hfief minnhom soffruti u ccertifikati minn Dr. Tufigno, M.D, lilhom ikkagunati mill-imputati;

4. PS856 – il-hsara kkagunata lill-uniformi tieghu matul l-incident minn dawn iz-zewg imputati. L-incident tan-*notebook* u *pepper spray*;

5. Il-fatt illi nhass il-bzonn illi jintuza t-*taser* sabiex jissottometti ruhu Max Micallef li, f'dak il-hin, kien qieghed jirrezisti, bil-qawwa kollha, biex jerga` jiddahhal gewwa l-Ghassa ghaliex barra kien qieghed jikkawza kommozzjoni kbira.

Illi, ghalhekk, l-elementi tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 jinsabu ampjament ippruvati. Lanqas ma jista` jargumenta attenwanti sempliciment minhabba l-fatt illi l-imputati ma kienux gewwa l-Ghassa ta` Bormla fuq suspett illi kkommettew xi reat izda, sempliciment, sabiex jirrapurtaw attakk fil-konfront taghhom. X'kienet li kienet ir-

raguni ghaliex kienu gewwa l-Ghassa, huma ghandhom, ta` bilfors, jikkomportaw ruhhom sew u b'mod civilizzat.

Illi d-difiza qiedgha tallega nuqqas ta` lucidita` fil-mohh tal-imputati minhabba x-xorb esagerat illi huma kienu ikkunsinnaw dak in-nhar u qiedgha tikkwota dan bhala skuzanti. Skont huma, din in-nuqqas ta` lucidita` hija evidenti fil-mod kif gabu ruhhom u fir-risposti li huwa taw waqt l-interrogatorju taghhom. Jista` jkun illi d-difiza issolterat dan l-argument sabiex, b'xi mod ittaffi l-agir skandaluz u malpropju tal-patrocinati taghha izda taf l-istess difiza, illi dak maghmul taht l-influwenza tax-xorb alkoholiku qatt ma jista` jigi attenwat u, iktar u iktar, skuzat.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi u wara li hadet in konsiderazzjoni t-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni li rrimettiet ruhha ghall-Qorti u qaghdet fuq il-provi mressqa u wara l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-nota ta` osservazzjonijiet tal-avukat difensur ittenni li hija ma ghandha ebda alternattiva ohra hlief illi ssib liz-zewg imputati hatja taht l-akkuzi
A, B, C, D, E, F, G, M, N, O u P.

II. Dwar it-tieni *set* ta` akkuzi u cioe` dawk illi jikkoncernaw s-sewqan tal-vettura wzata mill-imputati dak in-nhar tal-incident u cioe` HBF026, dina l-Qorti qiedgha telenkhom u cioe`
H, I, J, K, L
dawn ukoll ilkoll jirrizultaw. Dana qieghed tghidu l-Qorti ghaliex hija sodisfatta minn dan mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni matul l-*iter* ta` dina l-kawza. Il-Qorti, pero, qed taghmilha cara li hija taqbel mad-difiza meta din tghid li dan ma kienx hin sabiex il-Pulizija taghmel l-interrogartorju meta hi ghamlitu li kien tard filghaxija ta` l-istess gurnata tal-incident. Hija kellha tiehu in-konsiderazzjoni l-istat ta` inebriezza taghhom kif ukoll l-eta` zghira taghhom meta, forsi, kien ikun ahjar, illi jigu akkumpanjati mill-genituri taghhom. Illi huma wkoll ma` inghatawx id-dritt illi jikkonsultaw avukat ta` fiducja

taghhom qabel l-interrogazzjoni. Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedgha tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati esebiti u mhix qiedgha tehodhom in-konsidrazzjoni meta hija qiedgha taghmel il-konstatazzjonijiet taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena u wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-sussegwenti:

1. L-eta` zghira tal-imputati;

2. Il-fedina penali taghhom;

3. L-istat ta` inebriezza li huma kienu fih meta kkommettew dawn ir-reati;

4. Il-fatt li huma kienu gewwa l-Ghassa ta` Bormla ghaliex marru huma biex jaghmlu rapport u mhux ghaliex huma kienu gew migbura mill-Pulizija ghal xi investigazzjoni jew ohra.

Din il-Qorti qed issib lill-imputati hatja u ghaldaqstant tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti qiedgha wkoll timmulta lill-imputati s-somma ta` elf u hames mitt ewro (€1,500) kull wiehed u tordna li dawn iridu jhallsu fi zmien sena (1) mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------